28 ta' Mejju, 1951.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Francesco Bonello *versus* Giuseppe Gauci

**Lokazzjoni — Ħanut — Azjenda Kummerċjali — Liċenza — Board tal-Kera — Kompetenza.**

***Meta l-lokazzjoni ta' ħanut tikkomprendi l-armar tal-ħanut u l-liċenza, it-tribunal kompetenti biex jieħu konjizzjoni ta' talba għar-***

*ripreża ta' dak il-ħanut kura t-tribunal ordinarju, u mhux il-Board tal-Kera. Għax l-oġġett tal-lokazzjoni kien azjenda kummerċjali, u mhux sempliċi fond adibit għall-użu ta' ħanut.*

*Xejn ma jservi li f'okkażjonijiet preċedenti l-partijiet marru quddiem il-Board tal-Kera biex jiġi regolat jew awmentat il-kera ta' dak il-ħanut, jekk f'dawk l-okkażjonijiet ma sarux xi pattijiet ġodda li neħħew mill-ħanut in-natura tiegħu ta' azjenda kummerċjali. Bil-fatt biss ta' dak ir-rikors tal-partijiet lill-Board tal-Kera, dan ma jsirx kompetenti biex jiddeċidi dwar talba għar-ripreża ta' pussess ta' dak il-ħanut; għax il-kompetenza ma tistax tiġi prorogata.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni numru 562 ta' l-1950, quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur ippremetta li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Luigi Gauci Forno tal-11 ta' Jannar 1922 (dok. A) l-attur kera lill-konvenut il-ħanut b'kumditajiet oħra, bl-avvjament u armaturi, li jinsab il-Mellieħa, Main Street, numri 51 u 52; li b'ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju 1950 l-attur intima lill-konvenut li ma kienx fi ħsiebu jġedded il-lokazzjoni ta' dana l-ħanut meta kellha tispiċċa l-lokazzjoni li allura kienet korrenti; u li l-lokazzjoni ta' dana l-ħanut spiċċat fil-31 ta' Lulju 1950; u li l-konvenut naqas li jikkonsenja lill-attur iċ-ċwievet ta' dana l-ħanut; u talab li, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u, jekk hemm bżonn, dik li l-lokazzjoni tal-ħanut fuq imsemmi spiċċat u ġiet xjolta fil-31 ta' Lulju 1950, u wara li jiġi meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenut għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi kundannat jiżgombra l-ħanut bil-kumditajiet l-oħra, u jikkonsenja lill-attur il-mobbli u attrezzi l-oħra li ġew lokati flimkien mal-ħanut, u dana fi żmien qasir li tiffissa l-Qorti; u sussegwentement il-konvenut jiġi kundannat jagħmel fl-istess żmien li tagħti l-Qorti l-pratiki neċessarji biex il-liċenza għall-bejgħ ta' l-inbid u spiriti tiġi mdawra minn ismu għal isem l-attur; salva kwalunkwe azzjoni għad-danni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u ddikjarat ruħha kompetenti, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq ir-ritless illi, meta l-partijiet issottomettew ruħhom għall-Board tal-Kera fl-okkażjoni tal-kawża definita bis-sentenza tal-Board tat-28 ta' Novembru 1941, u darb'oħra b'dik ta' l-1 ta' Ġunju 1949 (ara dokumenti prodotti mar-rikors), huma wrew li kienu qegħdin jikkunsidraw bħala oġġett prinċipali tal-lokazzjoni l-fond "battal", indipendentement mill-armar, avvjament u liċenza. Għalhekk, bħala li tirriferixxi għal fond battal, il-kwistjoni taqa' taħt ir-rilokazzjoni ta' fondi urbani, u t-talba hija ta' kompetenza tal-Board;

Issa, meta wieħed jaqra l-kuntratt fol. 7 għandu indubbjament jippersważdi ruħu illi l-partijiet kellhom fi ħsiebhom mhux il-fond battal, imma, għal dak li kien jirrigwarda l-ħanut, anki l-armar u l-liċenza tiegħu. Infatti fil-kuntratt jissemmew espressament...........;

Illi wieħed ikun qiegħed jistirakkja żżejjed kieku kellu jirritjeni li bil-fatt li ġie adit il-Board il-partijiet abbandunaw il-konċezzjoni tagħhom ta' qabel li l-fond qiegħed jinkera, għal dak li jirrigwarda l-ħanut, anki bl-armar u l-liċenza, u assumew il-konċezzjoni ġdida li l-fond qiegħed jinkera bħala battal; difatti l-armar baqa' hemm, u l-liċenza baqgħet, u ma jistax wieħed jirritjeni illi l-attur abbanduna l-akkordju li kien sar bil-kuntratt fol. 7 dwar l-armar u l-liċenza; għaliex ir-rinunzji huma "di stretto diritto";

Kieku fl-okkażjoni ta' dawk iż-żewġ kawżi quddiem il-Board il-partijiet għamlu bejniethom xi arranġamenti dwar l-attrezzi tal-ħanut, jew dwar il-liċenza, allura wieħed kien ikun jista' jgħid li l-partijiet kienu qegħdin minn dak in-nhar 'il quddiem jikkunsidraw il-fond bħala battal; imma meta l-attrezzi baqgħu hemm u l-liċenza baqgħet f'isem il-konvenut, ma jistax raġjonevolment jingħad li l-fatt li rrikorrew lill-Board huwa biżżejjed biex issir l-inferenza li l-fond kien qiegħed jiġi kunsidrat bħala fond battal;

Il-veru punt huwa jekk, meta l-partijiet għal darba tnejn rrikorrew lill-Board, b'daqshekk ipprorogawx il-kompetenza;

Kieku l-kwistjoni kellha tiġi affrontata fuq il-prinċipji tad-Dritt Ruman Antik, jew fiż-żmien meta, per mezz tad-Dritt Kanoniku, reġgħu ġew in voga t-teoriji tad-Dritt Ruman, allura r-risposta kienet tkun li l-partijiet ipprorogaw

il-kompetenza; għaliex f'dawk *iż-żmenijiet* tad-Dritt Ruman u tad-Dritt Kanoniku kienet tviġi l-massima illi "si se subjicient alicui jurisdictioni et consentiant, inter consentientes cujus vis judicis, qui tribunali praeest, vel aliam *jurisdictionem* habet, est jurisdictio".............. F'dawk iż-żmenijiet il-ġurisdizzjonijiet kienu inċerti u malament imwaqqfa. Imma meta l-poter ċivili jorganizza t-tribunali, allura tabilfors il-fakoltà li tiġi prorogata l-kompetenza *kellha tkun subordinata* għall-kriterji ta' utilità *ġenerali* u tar-retta amministrazzjoni tal-*ġustizzja*;

Fil-każ in ispeċje, il-kompetenza hi ħaġa ta' materja. Igħid il-Galdi (Comm. Proc. Civ., Vol. *III*, *p. 512*) a *propożitu* ta' dan il-pont:— "E' concordemente ritenuto che la volontà delle parti, in qualunque modo manifestata, non ha alcuna efficacia per turbare la giurisdizione per ragione di materia, ed estendere sotto questo *aspetto* la *cognizione* di un giudice fuori dei termini tra cui è dalla legge costituita. Onde è manifesto che le parti non hanno il potere di prorogare la giurisdizione". Aktar 'il quddiem dana l-awtur jirriferixxi għal dawna r-regoli bħala "comunemente insegnate dagli scrittori e seguite dalla giurisprudenza";

Għalhekk, bħala ħanut bl-armar u l-liċenza, il-kwistjoni li tirrigwardah hi ta' kompetenza ta' din *il-Qorti*;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenut, fejn talab ir-*riforma* ta' l-istess sentenza, billi jiġi ddikjarat u deċiż li l-kawża hija ta' kompetenza tal-Board li jirregola l-Kera, u mhux *tal-Qorti tal-Kummerċ*, *in kwantu tirrigwarda* l-iżgumbrament tal-post in kwistjoni, u tikkonfermaha in kwantu dik il-Qorti ddikjarat ruħha kompetenti biex tieħu konjizzjoni tad-domandi l-oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jidher wisq ċar, mill-kuntratt fil-fol. 5 tal-proċess, illi l-attur kera lill-konvenut il-fond bħala ażjenda kummerċjali, bil-liċenza u attrezzi kummerċjali;

Illi, kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fil-kawża "Mifsud vs. Gambin", definita fis-6 ta' Marzu 1944, meta jiġi mikri ħanut bl-avvjament, il-Qrati kompetenti *biex jiddikjaraw jekk* hemmx terminazzjoni tal-lokazzjoni jew le huma t-tribunali

ordinarji — f'dan il-każ il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re — u mhux il-Board li jirregola l-Kera;

Illi ma għandu ebda sinifikat il-fatt li f'żewġ okkażjonijiet ġie adit il-Board biex jiżdied il-kera, il-għaliex, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, il-kompetenza tal-Qorti ma setgħetx tiġi prorogata;

Għal dawna r-raġunijiet tirrespingi lappell tal-konvenut u, previja dikjarazzjoni li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża rigward it-talba għall-iżgumbrament hija l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti; u tordna li l-proċess jiġi rinvijat quddiem l-Ewwel Qorti biex tittrattaha fil-meritu; bl-ispejjeż kontra l-appellant.